

DEĊIŻJONI (UE) 2015/811 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tas-27 ta' Marzu 2015****dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew li jkunu fil-pussess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (BĊE/2015/16)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) flimkien mal-Artikolu 6(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Bord Superviżorju b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti,

Billi:

- (1) Ir-reġim dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) huwa stabbilit fid-Deċiżjoni BĊE/2004/3 ⁽²⁾.
- (2) Dokumenti tal-BĊE jistgħu jkunu fil-pussess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bħala riżultat tad-dmir tagħhom li jassistu lill-BĊE, li jikkooperaw *in bona fede* u li jiskambjaw informazzjoni mal-BĊE skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013. It-tweqqif tal-kompiti superviżorji kkonferiti lill-BĊE u l-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu superviżorju uniku jistgħu jkunu mfixkla jekk il-BĊE ma jgix ikkonsultat dwar l-ambitu tal-aċċess li għandu jingħata fir-rigward ta' dokumenti tal-BĊE li jkunu fil-pussess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew, jekk b'mod alternattiv, it-talbiet għal aċċess għal dawk id-dokumenti ma jgux irreferuti lill-BĊE. Għaldaqstant, it-talbiet għal aċċess għal dawk id-dokumenti għandhom jew jiġu rreferuti lill-BĊE jew inkella l-BĊE għandu jiġi kkonsultat qabel kwalunkwe deċiżjoni dwar żvelar.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

- (1) "dokument" u "dokument tal-BĊE" ifissru kull kontenut irrispettivament mill-mezz (miktub fuq karta jew maħżun f'forma elettronika jew bħala reġistrazzjoni fonika, viżwali jew awdjoviżwali) magħmula jew miżmuma mill-BĊE u li hija dwar il-politiki, l-attivitajiet jew id-deċiżjonijiet tiegħu taħt ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013;
- (2) "awtorità nazzjonali kompetenti" (ANK) għandha tkollha t-tifsira mogħtija fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013. Din it-tifsira hija mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti taħt il-liġi nazzjonali li jassenjaw ċerti kompiti superviżorji lil bank ċentrali nazzjonali (BĊN) li ma jkunx innominat bħala ANK. Fir-rigward ta' dawn l-arranġamenti, referenza għal ANK f'din id-Deċiżjoni għandha tirreferi wkoll għall-BĊN fir-rigward tal-kompiti superviżorji assenjati lil bil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 2***Dokumenti f'idejn l-ANK**

Meta ANK tirċievi talba għal dokument tal-BĊE li jkun fil-pussess tagħha, l-ANK għandha tikkonsulta lill-BĊE dwar l-ambitu tal-aċċess li għandu jingħata, qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar żvelar, ħlief jekk ikun ċar li d-dokument għandu għandu jiġi żvelat jew ma għandux jiġi żvelat.

Inkella, l-ANK tista' tirreferi t-talba lill-BĊE.

⁽¹⁾ ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni BĊE/2004/3 tal-4 ta' Marzu 2004 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 42).

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lid-destinatarji.

*Artikolu 4***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊNi.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-27 ta' Marzu 2015.

Il-President tal-BĊE
Mario DRAGHI
